MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 397/1994/1

**Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon, bhala rappresentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd. u dina bhala agenti Malta tas-socjeta' assikuratrici estera Guardian Royal Exchange plc, surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha s-socjeta' Dai Trading Agency Ltd; permezz ta' nota prezentata fis-7 ta' April 99, l-imsemmi Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon assuma il-vesti ta' attur ghan-nom u in rappresentatnza tas-socjeta'Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha s-socjeta' Dai Trading Limited, minflok is-socjeta' Formosta & Camilleri Ltd.**

**vs**

**Gino Tabone u Walter Bonnici, ghand-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Graja & Caorsi (Malta) Ltd. agenti Malta ta' Ziegler Nederland B.M, trasportaturi tal-merkanzija de qua u b' nota tad-29 ta' April 1994 John Zammit assuma l-atti tal-kawza**

**minflok Gino Tabone u Walter Bonnici; u b' digriet tas-19 ta' Dicembru 1999 gew nominati Dr.Anthony Cremona u l-PL. Edgar Montarnaro bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta' Estera Ziegler Nederland B.M**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur nomine, wara li ppremetta: illi s-socjeta' Dai Trading Agency Ltd. importat zewg pellets konteneti hamsa u disghin cartons ta' electrical appliances li gew trasportati minn Rotterdam lejn Malta mis-socjeta' estera Ziegler Nederland B.M fuq il-vapur NORASIA SUN [Dok.ZM1 sa ZM9];

Peress li l-bastiment wasal Malta fit-12 ta' Settembru 1993 [Dok.ZM10] u meta l-importatur mar jirtira l-merkanzija sab in-nuqqasijiet li huma elenkati fis-Schedule tal-Information Form tal-Institute of London Underwriters anness u markat dok.ZM11;

Peress li ghan-nuqqas li garrab l-importatur is-socjeta' assikuratrici, kif obbligata, hallset is-somma tal-elf u disa u tletin lira maltin u hamsin centezmu [Lm1,039.50] biex tindennizza lill-assikurat taghha ghat-telf li garrab li minn naha tieghu issuroga lill-attur nomine fid-drittijiet tieghu [Dok.ZM12];

Peress illi s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghan-nuqqas fuq riferit;

Peress illi l-importatur kiteb liz-zewg socjetajiet konvenuti [Dok.ZM13 u ZM14] fejn zammhom responsabbli ghan-nuqqas li sofra, li min naha taghhom wiegbuh [Dok.ZM15 u ZM16] billi cahdu kull responsabbilita' bala ma taw prova dokumentarja jew altru biex jiggustifikaw ic-cahda taghhom ta' responsabbilita'; talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m' ghandhiex:

Tiddikjarahom nomine responsabbli, jew min minnhom, ghan-nuqqas fuq indikat; u

Tikkundannahom nomine, jew min minnhom, li jhallsu lill-attur nomine is-somma ta' elf u disa u tletin lira maltin u hamsin centezmu [Lm1,039.50] in linea ta' danni subiti mill-importatur surrogati lill-attur nomine bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni u fic-cirkostanzi minhabba l-obbligi hawn fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur  u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela li permezz taghha eccepixxa:
1. illi fl-ewwel lok ghandha tigi esebita l-polza ta' assigurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lill-impurtatur u ghandu jigi esebit ukoll ic-cheque li bih sar il-pagament u l-polza nru. 609.900.01 Adv. 217;
2. illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandhu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-amont ta' Lm 1039.50c0 bhala allegati danni u jigi esebit ir-rat of exchange u d-data relattiva;
3. illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, ma' hemm ebda interessi dovuti u dan stante li si tratta dwar azzjoni ta' danni u li ghad irid jigu likwidati u ppruvati fil-kawza nnifisa u di piu l-ebda ammont qatt ma gie ikkwotat lil konvenuti qabel l-ippresentata ta' din ic-citazzjoni;
4. illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess l-ebda interessi huma dovuti stante li s-socjeta attrici allegatament hallset a bazi tal-obbligazzjonijiet taghha skond il-polza u di piu ma' hemm ebda surroga ghar-rigward l-istess interessi u s-surroga hija limitata ghall-ammont deskritt fl-istess somma;
5. illi fil-hamses lock u bla pregudizzju ghall-premess ghandha tigi esebita ukoll il-BILL OF LADING bil-kondizzjonijiet kollha deskritti fuq l-istess BILL OF LADING;

6. illi ai termini tal-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966 sub-inciz (3) dwar Unitised Cargo (Amended by Legal Notice 28/73) u l-Artikolu 6 tal-Port Ordinance sub-inciz (3) il-konvenut Godwin Abela nomine m'humiex risponsabbli;
7. Ili ghal dawn ir-ragunijet it-talbiet attrici ghandhom jigu rispinti bl-ispejjez kontra l-attur nomine.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' dan il-konvenut u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut John Zammit li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi s-socjeta minnu rapprezentata m'hi responsabbli ghal ebda dannu jew nuqqas imsemmi minn l-attur nomine billi huwa zbarka il-merkanzija in kwistjoni f'kondizzjoni tajba u minghajr ebda nuqqas;
2. Illi fi kwalunkwe kaz l-eccipjenti jirrizerva li jikkontrolla l-ammont ta' dannu mitlubin;
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' dan il-konvenut u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nomina tal-Perit Legali l-Avukat Dottor Peter Borg Costanzi maghmula in forza ta' digriet moghti minn din il-Qorti fit-30 ta' Gunju 1994; rat ukoll ir-relazzjoni tal-istess Perit Legali mahlufa minnu fl-udjenza tad-9 ta' April 2003;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat

Illi mill-kumpless tal-provi rrizulta sodisfacentement provat is-segwenti. Is-socjeta' Dai Trading Agency Limited kienet importat mill-Olanda diversi prodotti hi fi u videos tad-ditta Sony, u dana fuq zewg palettes kontenenti 95

cartons. Illi kif jirrizulta mil-polza ta' karigu[1] din il-merkanzija tabbiet fuq il-vapur NORASIA SUN, gewwa container SEAU414267-8, u l-carrier huwa indikat bhala Ziegler Nederland B.V. Illi fuq ma rrizulta ebda kumment jew rimarka negattiva fuq dan id-dokument.

Illi meta l-merkanzija wasslet Malta, l-container gie *de stuffed* gewwa l-bonds tas-socjeta' konvenuta Cargo Handling Company Limited. F' dan il-mument il-merkanzija, skond il-procedura, tigi ezaminata u, jekk ikun hemm rimarki negattivi dawn jitnizzlu fuq il-form1C mill-Fizzjal tad-dwana fil-presenza ta' rappresentanti tal-agent tal-vapur u tal-istess socjeta' konvenuta. Fil-kaz in disamina, ma rrizultat ebda rimarka negattiva fuq dil-form 1C[2] mill-liema dokument jidher illi minn gewwa l-container hargu zewg palettes kontenenti 95 cartons electrical appliances.

Illi il-merkanzija baqghet fil-pussess u kustodja tal-Cargo Handling sakemm eventwalment fit-18 ta' Settembru 1993 sar transfer in bond u l-merkanzija ddahhlet fil-bonded stores tad-Dwana. F' dan il-mument sar tallying kif jirrizulta mid-Dok.PV1[3]

Illi meta sussegwentement il-merkanzija giet rilaxxjata lill-importatur, saret lista shiha u dettaljata tal-merkanzija rilaxxjata mis-*shipping clerk* tal-kumpanija minn fejn rrizulta li kien hemm neqsa parti mill-merkanzija, u precisament zewg video recorders, zewg CD hi fis, seba radios u tlett speakers ossia telephone sets.

Illi l-claim tal-socjeta' Dai Trading Agency Limited inhadmet fuq dawn l-oggetti fis-somma ta' DM2743.15 ekwivalenti ghal-ammont ta' Lm637.50[4] li mizjud maghha l-freight charge ta' Lm32.08, u s-somma ta' Lm318.13 pro rata dazju u tenut kont il-percentagg ta' 10 fil-mija deskritta bhala over insurance, s-socjeta' assigurata

[1] Fol.6
[2] Fol.150
[3] Fol.146
[4] Rata tal-kambju – Lm1 = DM4.3029

thallset is-somma ta' Lm1,039.5.[5] Dawn il-fatti u kostatazzjonijiet ma gew bl-ebda mod kontradetti mill-provi u, tenut kont il-fattur tal-verosimiljanza tal-prova, il-Qorti hi tal-fehma li ghandha taccettahom bhala veritieri.

**Konsiderazzjonjiet tal-Qorti**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li hija tikkondividi l-kostatazzjonijiet maghumla u l-konkluzzjonijiet raggjuni mill-Perit Legali fir-relazzjonijiet tieghu u taddottahom fl-intier taghhom.

Illi hija legalment valida l-konsiderazzjonijet li, gia la darba fuq il-polza ta' karigu ma kien hemm ebda rimarka negattiva, allura tinholoq presunzjoni *juris tantum*, li, meta l-merkanzija tghabbiet fuq il-vapur din kienet intatta u minghajr nuqqasijiet. B' applikazzjoni ta' din il-presunzjoni u fin-nuqqas ta' provi li jghidu jew juru l-kuntrarju, ir-responsabbilita' tas-socjeta' trasportatrici Zieger Nederland hija eskluza.

L-istess principju jsib applikazzjoni fil-fatt li fuq il-Form 1C li gie redatt meta l-merkanzija giet *de stuffed* u ghaddiet fil-pussess u fil-kustodja tal-Cargo Handling fil-presenza tal-Fizzjal tad-Dwana, ma tnizzlu ebda rimarki negattivi; u ghalhekk hija lecita l-konkluzjoni li, fin-nuqqas ta' provi kuntrarji, il-merkanzija ghaddiet ghand il-Cargo Handling shiha u intatta.

Il-propositu kif osservat mill-Perit Legali: *"F' dan il-kaz partikolari ma tressqu ebda provi cari u konkreti li jxejjnu l-valur probatizju tal-form 1C. Jigi ribadit li f' dak il-mument jkun hemm traslazzjoni ta' pussess u konsegwenzjali responsabbilita' mir-rappresentanti tal-vapur ghal Cargo Handling Co.Ltd. u ghalhekk huwa fl-interess partikolari ta' din is-socjeta' li jigi accertat li meta jircevu l-oggetti l-FormC tintela korrettament."* [6]

Illi meta sussegwentement fit-28 ta' Settembru 1993 il-merkanzija giet *transferred in bond* minn Cargo Handling ghal gol-*bonded stores* tad-Dwana sar tallying minn fejn

---

[5] Deposizzjoni Noel Grima – 16.06.1996 fols.123 et. seq.

[6] Fol.177

irrizulta li kien hemm parti mill-merkanzija nieqsa, li meta fl-1 ta' Ottubru 1993 il-merkanzija giet rilaxxjata mill-bonded stores tad-Dwana lill-importatur, u saret lista shiha u dettaljata tal-konsenja, gew riskontrati nuqqasijiet fil-merkanzija u precisament: zewg video recorders, zewg CD hi fis, seba radios u tlett speakers ossia telephone sets.

Illi mill-provi jirrizulta car li n-nuqqas fil-merkanzija mibghuta sehhet meta din kienet fil-pussess u kustodja tal-Cargo Handling li allura kellha r-responsabbilita' legali li tassigura li sakemm il-merkanzija tkun fil-pussess taghha dina ma ssofri ebda hsara jew nuqqas. Ghaldaqstant fil-kaz in disamina, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li din is-socjeta' konvenuta ghandha tinzamm responsabbli ghad-danni rappresentanti t-telf ta' din il-merkanzija.

Illi kif fuq indikat id-danni jammontaw ghas-somma ta' Lm1,039.50 li fuqhom ghandhu jithallas li kien ikollha dritt ghalih is-socjeta' importatrici fl-assenza tas-surroga. Illi permezz tas-surroga konsegwenzjal ghall-hlas da parti tal-attur nomine lill-importatur, l-attur gie surrogat fid-drittijiet kollha tal-assigurat, inkluz allura li jippercepixxi l-imghax fuq l-imsemmi ammont.

Inoltre skond il-gurisprudenza lokali meta l-ammont tad-danni jkun indikat fic-citazzjoni jew ikun ta' facile likwidazzjoni, l-imghax fuq dak dikjarat jew facilment liquidabbli ghandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tac-citazzjoni,[7] u fil-kaz ta' obbligazzjoni kummercjali, mid-data li tigi fis-sehh l-obbligazzjoni. F' dan il-kaz l-attur nomine talab l-imghax dekorribbli mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, liema talba allura hija legalment valida u gustifikabbli u ghandha tigi akkolta.

In fine jigi rilevat li l-merkanzija kif wasslet f' Malta ma tikkwalifikax bhala *"unitised cargo"* ghall-fini tal-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966 u l-Artikolu 6 (3) tal-Ordinanza

[7] Vide ***Vol.LXXXIII.II.92***; App.Kumm**.** ***Perit Joseph Barbara vs Louis Naudi*** deciza 5 ta' Marzu 1979; u App.Civ. ***Mario Sacco vs Peter F. Scerri*** deciza 31 ta' Jannar 2003.

dwar il-Port, u allura applikazzjoni ta' dawn l-artikoli ghall-kaz in disamina hija eskluza.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Ltd., tiddikjara lill-istess kumpanija unikament responsabbli ghan-nuqqasijiet fil-merkanzjija kif fuq indikat; u konsegwenzjalment tikkundanna lill-istess socjeta' thallas lill-attur nomine is-somma ta' ***elf u disa u tletin lira maltin u hamsin centezmu [Lm1,039.50]*** in linea ta' danni subiti mill-importatur u surrogati lill-attur nomine, bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' konvenuta, kif mitluba; Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut John Zammit, u tichad it-talbiet attrici maghmula fil-konfront tieghu – l-ispejjez f' dan ir-rigward jibqghu a kariku tal-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------